2024/1511

29.5.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/1511

tat-22 ta' April 2024

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE stabbilit bil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea dwar emenda tal-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea [2] ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.

(2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li, fost l-oħrajn, jemenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE.

(3) Diversi regolamenti jenħtieġ li jiġu inkorporati fil-Ftehim ŻEE.

(4) L-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE għalhekk jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(5) Għalhekk jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda tal-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-22 ta' April 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BORRELL FONTELLES

[1] ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.
[2] ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

ABBOZZ

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE NRU …

ta' …

li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2017/2401 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u għad-ditti ta' investiment ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) Ir-Regolament (UE) 2021/557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2402 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata biex jgħin l-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19 ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(4) Ir-Regolament (UE) 2021/558 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2021 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward ta' aġġustamenti għall-qafas ta' titolizzazzjoni bħala appoġġ għall-irkupru ekonomiku b'reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19 ([4]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(5) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1221 tal-1 ta' Ġunju 2018 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/35 f'dak li jirrigwarda l-kalkolu ta' rekwiżiti kapitali regolatorji għat-titolizzazzjonijiet u titolizzazzjonijiet sempliċi, trasparenti u standardizzati miżmuma mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ([5]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(6) L-Istati tal-EFTA għandhom, meta jiddefinixxu liema pajjiżi għandhom ikunu fuq il-lista ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, iqisu bis-sħiħ il-lista tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa.

(7) Għalhekk, l-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness IX tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied mal-punti 1 (id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill), 30 (id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill), 31bb (id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) u 31bc (ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"— **32017 R 2402**: Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35)."

([1]) ĠU L 347, 28.12.2017, p. 1.
([2]) ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35.
([3]) ĠU L 116, 6.4.2021, p. 1.
([4]) ĠU L 116, 6.4.2021, p. 25.
([5]) ĠU L 227, 10.9.2018, p. 1.

2. Il-punt 1b (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/35) huwa emendat kif ġej:

(i) jiżdied l-inċiż li ġej:

"— **32018 R 1221**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1221 tal-1 ta' Ġunju 2018 (ĠU L 227, 10.9.2018, p. 1).";

(ii) l-adattamenti (b) u (c) jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-adattamenti (d) u (e);

(iii) jiddaħħlu l-adattamenti li ġejjin:

"(b) Fl-Artikolu 178a, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA:

(i) fil-paragrafi 1 u 4, il-kliem 'l-1 ta' Jannar 2019' għandu jinqara 'id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta' … [din id-Deċiżjoni]';

(ii) fil-paragrafi 1 sa 4, il-kliem 'mill-31 ta' Diċembru 2018' għandu jinqara 'minn sitt xhur qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta'… [din id-Deċiżjoni]';

(iii) fil-paragrafu 3, il-kliem 'it-18 ta' Jannar 2015' għandu jinqara 'id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 62/2018 tat-23 ta' Marzu 2018'.

(c) Fl-Artikolu 180, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA:

(i) fil-paragrafu 10a, il-kliem 'l-1 ta' Jannar 2019' għandu jinqara 'id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta' … [din id-Deċiżjoni]';

(ii) fil-paragrafu 10a, il-kliem 'il-31 ta' Diċembru 2018' għandu jinqara 'il-jum ta' qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta' … [din id-Deċiżjoni]'."

3. Il-punt 14a (ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) huwa emendat kif ġej:

(i) jiżdiedu l-inċiżi li ġejjin:

"— 32017 R 2401: Ir-Regolament (UE) 2017/2401 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 1),

— 32021 R 0558: Ir-Regolament (UE) 2021/558 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2021 (ĠU L 116, 6.4.2021, p. 25)."

(ii) l-adattamenti minn (k) sa (r) huma nnumerati mill-ġdid bħala adattamenti minn (m) sa (t);

(iii) l-adattament li ġej jiżdied wara l-addattament (j):

"(k) Fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 254(3), fir-rigward tal-Istati EFTA, il-kelma '2018' għandha tinqara 'is-sena tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta' … [din id-Deċiżjoni]'.".

4. Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 31bj (id-Direttiva (UE) 2019/2162 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"31bk. **32017 R 2402**: Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35), kif emendat bi:

— **32021 R 0557**: Ir-Regolament (UE) 2021/557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2021 (ĠU L 116, 6.4.2021, p. 1).

Għall finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta' dan il-Ftehim, u sakemm ma jkunx provdut mod ieħor f'dan il-Ftehim, it-termini Stat Membri u awtoritajiet kompetenti għandhom jinftiehmu li jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament, l-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivament.

(b) Ir-referenzi għas-setgħat tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-Regolament għandhom jinftiehmu bħala li jirreferu, fil-każijiet previsti f'dan il-Ftehim u f'konformità miegħu, għas-setgħat tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fir-rigward tal-Istati tal-EFTA.

(c) Sakemm mhux previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, l-ESMA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jikkooperaw, jiskambjaw l-informazzjoni u jikkonsultaw lil xulxin għall-fini tar-Regolament, b'mod partikulari qabel tittieħed kwalunkwe azzjoni.

(d) Id-deċiżjonijiet, id-deċiżjonijiet interim, in-notifiki, is-sempliċi talbiet, ir-revoki ta' deċiżjonijiet u miżuri oħra mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont l-Artikoli 10(6), 12 u 15 għandhom, mingħajr dewmien bla bżonn, jiġu adottati fuq il-bażi ta' abbozzi mħejjija mill-ESMA fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

(e) L-Artikolu 4(aa), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, għandu jinqara 'pajjiż terz jitqies bħala ġurisdizzjoni li ma tikkooperax kif definit mil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat tal-EFTA kkonċernat.'

(f) Fl-Artikoli 8(1) u 9(4)(b) u 29(4), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem '1 ta' Jannar 2019' għandu jinqara 'id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru…/… ta' … [din id-Deċiżjoni]'.

(g) Fl-Artikolu 9, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem 'Direttiva 2014/17/UE' għandu jinqara 'Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 125/2019 tat-8 ta' Mejju 2019'.

(h) Fl-Artikolu 10:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem 'jew, fil-każ ta' repożitorju tat-titolizzazzjoni stabbilit fi Stat tal-EFTA, mal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA';

(ii) fil-paragrafu 5, il-kliem 'jew, fil-każ ta' repożitorju tat-titolizzazzjoni stabbilit fi Stat tal-EFTA, lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA';

(iii) fil-paragrafu 6, il-kliem 'jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ,' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA'.

(i) Fl-Artikolu 11, il-kliem 'jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ,' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA'.

(j) Fl-Artikolu 12, il-kliem 'jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ,' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA'.

(k) Fl-Artikolu 13:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem 'jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ,' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA';

(ii) il-paragrafu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

'l-ESMA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jikkomunikaw, mingħajr dewmien żejjed lil xulxin, u lill-Kummissjoni kwalunkwe deċiżjoni li tittieħed f'konformità mal-paragrafu 1.'.

(l) Fl-Artikolu 15:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem 'jew, fil-każ ta' repożitorju tat-titolizzazzjoni stabbilit fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA';

(ii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 2, il-kelma 'l-ESMA' għandha tinqara 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA';

(iii) fit-tieni sentenza tal-paragrafu 3, il-kliem ‘jew, fil-każ ta’ repożitorju tat-titolizzazzjoni stabbilit fi Stat tal-EFTA, li ma tippreparax abbozz għall-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA għal dak l-effett’, għandu jiddaħħal wara l-kelma ‘ikkonċernat’.

(m) Fl-Artikolu 16(1), għandhom jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

‘Fir-rigward ta’ repożitorji tat-titolizzazzjoni stabbiliti fi Stat tal-EFTA, għandhom jiġu imposti tariffi mill-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA fuq l-istess bażi tat-tariffi mitluba għal repożitorji tat-transazzjonijiet oħrajn f’konformità ma’ dan ir-Regolament u l-atti delegati li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 2.

L-ammonti miġbura mill-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA f’konformità ma’ dan il-paragrafu għandhom jiġu mgħoddija lill-ESMA mingħajr dewmien bla bżonn.’.

(n) Fl-Artikolu 26e(5)(c)(i), il-kliem ‘l-Unjoni’ għandu jiġi sostitwit bil-kliem ‘il-Ftehim ŻEE’.

(o) Fl-Artikolu 29(5), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem ‘l-10 ta’ Ottubru 2021’ għandu jinqara ‘fi żmien sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta’ … [din id-Deċiżjoni]’ u l-kliem ‘it-8 ta’ April 2021’ għandu jinqara ‘id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta’ … [din id-Deċiżjoni]’.

(p) Fl-Artikolu 31(4), il-kliem ‘, u fil-każ li stat tal-EFTA huwa destinatorju, il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA’ għandu jiżdied wara l-kelma ‘Kunsill’.

(q) Fl-Artikoli 35, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem ‘18 ta’ Jannar 2019’ għandu jinqara ‘is-sbatax il-jum mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta’ … [din id-Deċiżjoni]’.

(r) Fl-Artikolu 37(7), il-kliem ‘, l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’ għandu jiddaħħal wara l-kelma ‘EIOPA’.

(s) Fl-Artikolu 43, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA:

(i) il-kliem ‘l-1 ta’ Jannar 2019’ għandu jinqara ‘id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta’ … [din id-Deċiżjoni]’;

(ii) fil-paragrafi 5 u 6, il-kliem ‘31 ta’ Diċembru 2018’ għandhom jinqraw ‘il-jum qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta’ … [din id-Deċiżjoni]’.

(t) Fl-Artikolu 43a, fir-rigward tal-Istati EFTA, il-kliem ‘9 ta’ April 2021’ għandhom jinqraw ‘id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta’ … [din id-Deċiżjoni]’.”.

5. Il-punt 31eb (ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) huwa emendat kif ġej:

(i) jiżdied l-inċiż li ġej:

“— **32017 R 2402**: Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Diċembru 2017 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35).”;

(ii) l-adattament (g) jitħassar;

(iii) l-adattamenti minn (h) sa (zm) huma nnumerati mill-ġdid bħala adattamenti minn (g) sa (zl).

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (UE) 2017/2401, (UE) 2017/2402, (UE) 2021/557 u (UE) 2021/558 tar-Regolament Delegat (UE) 2018/1221 bil-lingwa Iżlandiża u b’dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta’ Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi …, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi … .

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Is-Segretarji

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

(*) [Ebda rekwiżiti kostituzzjonali indikati.] [Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.]